MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 259/2004

**Avviz numru 259/04 DM**

**Middle Sea Insurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Mario Deguara u l-istess Mario Deguara**

**Vs**

**Andre' Francois Buhagiar u Francis Xavier Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet l-kundanna tal-konvenuti, previa dikjarazzjoni li huma jew min minnhom responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fid-9 ta' Ottubru, 2002, gewwa Marsa By Pass, Marsa bejn trakk bin-numru ta' registrazzjoni JAF-381 misjuq minn Andre' Francois Buhagiar u proprjeta' ta' Francis Xavier Borg, u l-vettura Peugeot bin-numru ta'

registrazzjoni GAT-414 misjuqa minn Joanne Causon u proprjeta' ta' Mario Deguara u dan minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghhom jew min minnhom, liema vettura JAF-381 ma kienitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni sabiex tkopri lill-istess sewwieq Andre Francois Buhagiar, ihallsu jew min minnhom is-somma ta' elf u seba' mija u lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1701.85) in kwantu ghas-somma ta' elf, sitt mija u sitta u sebghin liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1676.85) danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta' attrici Middle Sea Insurance plc li ghalihom kellha taghmel front l-istess socejta' taht polza tat-tip 'comprehensive' u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) rapprezentanti 'excess' imhallsa mill-attur Mario Deguara.

Bl-ispejjez kontra l- konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Marzu, 2004, u l-ittra nterpellatorja kontra s-socjeta' assikurattiva tal-konvenuti prezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz, u bl-imghax legali mid-9 ta' Ottubru, 2002, sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn ecceppew illi :

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident mertu ta' din il-kawza l-eccipjent ma kellu ebda tort stante li l-incident gara unikament b'tort ta' Joanne Causon li kienet qed issuq il-vettura assikurata mad-ditta attrici ;
2. Ghalhekk it-talbiet attrici kif diretti fil-konfront ta' l-eccipjent ghandhom jigu respinti *in toto* bl-ispejjes.
3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi prodotti jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti mill-atturi, fosthom id-deposizzjoni ta’ Joanne Causon illi kienet qieghda ssuq il-vettura ta’ l-attur Mario Deguara li kienet involuta fil-kollizjoni.

Minn naha taghhom il-konventi, ghalkemm ikkontestaw it-talba u fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghom insistew illi r-responsabbilita’ tal-kollizjoni kienet esklussivament ta’ l-istess Joanne Causon, huma ma pproducew ebda prova in kontestazzjoni ta’ l-provi prodotti mill-atturi.

Mill-provi prodotti mill-atturi jirrizulta ampjament illi l-vettura ta’ l-assikurat attur, Mario Deguara, kienet giet dannegjata fil-kollizjoni in kwistjoni u illi a bazi tal-polza ta’ assikurazzjoni, mahruga biex tkoprih mill-atturi l-ohra Middle Sea Insurance plc, dawn id-danni kienu gew imhallsin in kwantu ghas-somma ta’ elf, sitt mija, sitta u sebghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,676.85) mill-kumpanija assikurattrici l-atturi Middle Sea Insurance plc u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) imhallsin mill-attur Mario Deguara minhabba l-*excess* stipulat fil-polza ta’ l-assikurazzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda l-provi dwar ir-responsabilita’ ghall-incident, jirrizulta mill-provi ta’ l-istess atturi u mill-*accident report* mahrug minn PS 630 Carmelo Micallef illi s-sewwieq tat-trakk kien il-konvenut Andre’ Francois Buhagiar, waqt illi l-konvenut l-iehor Francis Saviour Borg ma kienx implikat fil-kollizjoni in kwistjoni. L-unika konnessjoni tieghu ma’ dan il-kaz tidderiva biss mill-fatt illi Francis Saviour Borg huwa s-sid tat-trakk li kien qed jinsaq mill-konvenut l-iehor.

Mill-istess provi prodotti mill-atturi u mill-allegazzjonijiet taghhom ghalhekk ma tirrizulta ebda responsabilita’ ta’ l-istess konvenut Francis Saviour Borg u konsegqwentement it-talba attrici ma tistax tirnexxi fil-konfront tieghu u l-Qorti qieghda prezenzjalment tichad it-talba attrici fil-konfront tal-konvenut Francis Saviour Borg.

Ghal dak li jirrigwarda r-responsabilita' bejn Joanne Causon u Andre' Francios Buhagiar, jirrizulta mill-iskecc maghmul minn PS 630 Carmello Micallef, mill-*accident report* fornit minnhu u mid-deposizzjoni ta' Joanne Causon illi l-konvenut Buhagiar, bit-trakk li kien qed isuq, kien il-*main road user* u li kienet Joanne Causon illi effettivament dahlet f'din it-triq principali minn go s-*side road* li kien hemm fuq in-naha tax-xellug ta' l-istess triq.

Pero' mid-deposizzjoni ta' Joanne Causon jirrizulta ukoll illi, qabel ma din ippruvat tidhol fit-triq principali, hi kienet ghamlet id-debita esplorazzjoni; infatti kienet innotat it-trakk misjuq mill-konvenut Buhagiar gej fil-*main road* f'distanza sufficjenti biex hi tista' tinghaqad mat-traffiku fil-*main road.* Isosstni li bdiet miexja bl-istess velocita' bhal ma kien mixi dan it-traffiku u kompliet billi allegat li, ghalkemm hi kellha tnaqqas minhabba li t-traffiku quddiemha naqqas xi ftit mill-velocita', il-konvenut Buhagiar baqa' javvicinaha bl-istess velocita' sakemm wasal maghha u rassha max-xellug tat-triq biex hija habtet ma c-cint li kien hemm fuq in-naha tax-xellug taghha.

Jidher illi r-raguni ghaliex Buhagiar rass fuq in-naha tax-xellug tieghu biex ma ppermettiex spazju bizzejjed ghal Joanne Causon, kienet il-presenza ta xi haddiema illi kienu qeghdin jinkombraw il-karreggjata tieghu. ftit iktar il-quddiem mas-*central strip* li tiddividi l-karreggjata mill-ohra ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta.

Minn din id-deposizzjoni ta Causon, mhux ikkontestata, ghalhekk jirrizulta illi r-responsabilita' hija esklussivament tal-konvenut Andre' Francois Buhagiar. Dan, rinfaccat b'ostakolu fil-karreggjata tieghu meta qieghed isuq vettura ta' certu daqs bhal ma hu t-trakk, deskritt bhala *heavy goods vehicle* fir-rapport tal-pulizija, u meta kien obbligat illi jinduna mhux biss bil-vettura misjuqa minn Causon li harget fil-karreggjata fit-triq principali iktar il-quddiem minnhu, bi spazju bizzejjed biex huwa seta' jimmanuvra trakk kieku misjuq b'mod ghaqli, u meta kellhu jinduna ukoll bl-ostakolu pprezentat minn xi haddiema iktar il-quddiem, minflok ghazel li jidhol wara l-vettura ta Causon, huwa ghazel li jibqa' jross lil Causon sakemm ghafasha

max-xellug taghha biex ikkostringiha tahbat mac-cint li kien hemm fuq in-naha tax-xellug taghha.

Ghalhekk il-konvenut Buahjagiar irid jirrispopndi ghad-danni minnu ikkawzati fil-vettura ta l-attur Deguara.

Konsegwentement il-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata fil-konfront tal-konvenut Andre' Francois Buhagiar u konsegwentement tilqa' din it-talba attrici fil-konfront tieghu u filwaqt li tiddikjara illi l-konvenut Andre' Francois Buhagiar huwa unikament risponsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni, tikkundannah sabiex ihallas lill-atturi Middle Sea Insurance plc proprio s-somma ta' elf, sitt mija, sitta u sebghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,676.85) *in linea* ta' danni sofferti minnhom a bazi tal-polza ta' assikurazzjoni u tikkundannah sabiex ihallas lill-attur Mario Deguara s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) rapprezentanti l-*excess* minnu mhallsa a bazi ta' l-istess polza, u dana bl-imghax legali mid-9 ta' Ottubru, 2002.

Bl-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut Andre' Francois Buhagiar hlief dawk tal-konvenut Francis Xavier Borg li ghandhom jigu ssopportati mill-atturi *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------